DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Jannar 2011

li tawtorizza lil Franza biex tapplika livelli differenti ta' tassazzjoni fuq fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

(2011/38/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/767/KE tawtorizza lil Franza biex tapplika, għal perjodu ta' tliet snin, livelli differenti ta' tassazzjoni fuq nafta u petrol bla ċomb. Dik l-awtorizzazzjoni kienet mitluba, f'dak iż-żmien, fil-kuntest ta' riforma amministrattiva li tinvolvi d-deċentralizzazzjoni ta' ċerti setgħat speċifiċi li kienu preċedentement eżerċitati mill-gvern ċentrali. Id-Deċiżjoni 2005/767/KE ([2]) tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009.

(2) Bl-ittra datata 12 ta' Awwissu 2009, Franza talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika rati ta' differenza ta' tassazzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet għal sitt snin oħra wara l-31 ta' Diċembru 2009.

(3) Id-Deċiżjoni 2005/767/KE kienet adottata fuq il-bażi li l-miżura mitluba minn Franza laħqet ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE. B'mod partikolari, kien ikkunsidrat li l-miżura mhux se tfixkel it-tħaddim tajjeb tas-suq intern. Kien ikkunsidrat ukoll li kienet f'konformità mal-politiki relevanti tal-Komunità.

(4) Il-miżura nazzjonali hija parti minn politika maħsuba biex iżżid l-effiċjenza amministrattiva billi ttejjeb il-kwalità u tnaqqas l-ispiża tas-servizzi pubbliċi, kif ukoll hija parti minn politika ta' sussidjarità. Din toffri lir-reġjuni inċentiv addizzjonali biex itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni tagħhom b'mod trasparenti. F'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni 2005/767/KE teħtieġ li t-tnaqqis ikun marbut mal-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi tar-reġjuni fejn huma applikati. B'mod ġenerali, il-miżura nazzjonali hi bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' politika speċifiċi.

(5) Il-limiti stretti stabbiliti għad-differenza tar-rati fuq bażi reġjonali kif ukoll l-esklużjoni tan-nafta użat għall-skopijiet kummerċjali mill-miżura jimplikaw li r-riskju ta' distorsjonijiet kompetittivi fis-suq intern huwa baxx ħafna. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-miżura sa issa wriet tendenza qawwija ta' reġjuni li jimponu r-rata massima permessa u li din kompliet tnaqqas kull distorsjoni kompetittiv potenzjali.

(6) L-ebda ostaklu għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern ma kien irrappurtat fir-rigward, b'mod partikolari, iċ-ċirkulazzjoni tal-prodotti kkonċernati fil-kapaċità tagħhom bħala prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.

(7) Meta ġiet oriġinarjament mitluba, il-miżura nazzjonali kienet preċeduta minn żieda fit-taxxa ugwali għall-marġini għal tnaqqis reġjonali. F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni kif ukoll tal-esperjenza miġbura, f'dan l-istadju ma jidhirx li l-miżura nazzjonali hija f'kunflitt mal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima.

(8) Mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE joħroġ li kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dak l-Artikolu trid tkun limitata b'mod strett biż-żmien. Minħabba l-iżviluppi possibbli futuri tal-qafas tal-Unjoni dwar l-enerġija u t-tassazzjoni, din l-awtorizzazzjoni għandha tiġi limitata għall-perjodu ta' tliet snin. Barra minn hekk huwa xieraq ukoll li tiġi evitata kwalunkwe qabża ta' żmien fir-rigward tal-applikazzjoni tal-awtroizzazzjoni.

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Franza hija hawnhekk awtorizzata biex tapplika rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq petrol bla ċomb u nafta użat bħala fjuwil. In-nafta għall-użu kummerċjali fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 7(2) tad-Direttiva 2003/96/KE mhux se jkun eliġibbli għal kull tnaqqis bħal dan.

2. Ir-reġjuni amministrattivi jistgħu jkunu permessi li japplikaw tnaqqis differenzjati sakemm dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) It-tnaqqis mhuwiex iktar minn EUR 35,4 għal kull 1 000 litru ta' petrol bla ċomb jew EUR 23,0 għal kull 1 000 litru ta' nafta;

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
([2]) ĠU L 290, 4.11.2005, p. 25.

(b) it-tnaqqis mhuwiex iktar mid-differenza bejn il-livelli ta' tassazzjoni għan-nafta għall-użu mhux kummerċjali u nafta għall-użu kummerjċali;

(c) it-tnaqqis huwa marbut mal-għanijiet tal-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi tar-reġjuni fejn huma applikati;

(d) L-applikazzjoni tat-tnaqqis reġjonali ma jkolliex l-effett li tagħti reġjun vantaġġ kompetittiv fil-kummerċ intra-Unjoni.

3. Ir-rati mnaqqsa jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari mar-rati minimi tabbiliti fl-Artikolu 7.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

Gy. MATOLCSY